MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2013

Appell Civili Numru. 64/2013/2

**Erremme Business Advisors Limited**

**v.**

**All Seasons Holidays Limited, Dr Renzo Pace Asciak, Charmaine Vella, u Maryrose Vella**

## Preliminari

**1.** Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mis-socjeta` *Erremme Business Advisors Limited* [is-sekwestranti], u appell incidentali maghmula mis-socjeta` *All Seasons Holidays Limited,* u minn Dr.

Renzo Pace Asciak, Charmaine Vella u Maryrose Vella [is-sekwestrati] - minn provvediment moghti mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fil-11 ta' Gunju 2013 li permezz tieghu dik il-Qorti, fuq rikors tas-sekwestrati tas-27 ta' Mejju 2013, laqghet it-talba taghhom limitatament u bil-mod segwenti:

"… … billi jirrizulta li jezistu c-cikostanzi kontemplati fil-paragrafu [b] tas-subinciz [8] ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 imma biss safejn is-socjeta' sekwestranta naqset fil-konfront tas-sekwestrati personalment, tilqa' t-talba u tikkundanna lill-istess socjeta' sekwestranti thallas penali ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu [€1,164.69] lil kull wiehed/wahda mis-sekwestratri Dottor Renzo Pace Axciak, Charmaine Vella u Maryrose Vella."

**Fatti**

**2.** Il-fatti relevanti huma dawn:

**3.** Fis-26 ta' April 2013 is-socjeta` sekwestranti pprezentat rikors, flimkien ma' *invoice* annessa, ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra is-sekwestrati, in kawtela ta' kreditu minnha pretiz fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf, mija, hamsa u disghin Euros u tmienja u sittin centezmi (€24,195.68). Ma' dan ir-rikors giet ipprezentata wkoll ittra ufficjali interpellatorja ghal hlas ta' dan l-ammont li gie indikat bhala rapprezentanti hlas ghal servizzi professjonali moghtija minnha lis-sekwestrati skont *invoice* annessa mal-istess ittra ufficjali.

**4.** B'digriet moghti fid-29 ta' April 2013 il-Qorti laqghet it-talba tas-sekwestranti u ordnat il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru numru 64/2013 kontra s-sekwestrati.

**5.** Fis-6 ta' Mejju 2013, is-sekwestrati prezentaw rikors li permezz tieghu talbu r-revoka tal-imsemmi digriet, kif ukoll sabiex jigu applikati fil-konfront tas-sekwestranti d-dispost tal-Artikolu 836[8] ghar-ragunijiet kontemplati fil-paragrafi [b][c] u [d] tal-istess artikolu. B'digriet tas-7 ta' Mejju, fuq rikors tas-sekwestrati, il-Qorti ordnat is-

sospenzjoni tad-depozitu tal-flus sekwestrati, pendenti l-ezitu tar-rikors.

**6.** Fl-ewwel udjenza li nzammet fil-15 ta' Mejju 2013 u li fiha dehru d-difensuri tal-partijiet, ma nstemghux xhieda, izda gie verbalizzat hekk:

"Rikors differit ghal informazzjoni ulterjuri ghat-28 ta' Mejju 2013 fl-10:30a.m. b'dan, li l-mandat qed jigi revokat fil-konfront tal-intimati Dottor Renzo Pace Asciak, Charmaine Vella u Mary Rose Vella personalment." [Fol.26].

**7.** Fil-frattemp fis-27 ta' Mejju 2013 is-sekwestrati pprezentaw rikors ulterjuri li permezz tieghu, wara li ppremettew li l-mandat ma giex segwit b'kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u li l-mandat kien inhareg f'ammont mhux gustifikat fl-intier ieghu, u li kien inhareg indebitament kontra s-sekwestrati personalment meta dawn ma kellhomx relazzjoni mas-socjeta` sekwestranti, talbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru u wkoll li din is-socjeta` tigi kundannata thallas il-penali, ai termini tal-paragrafi [a][b] u [c] tal-Artikolu 836 fuq citat.

**8.** Fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2013 li ghaliha deheru d-difensuri tal-partijiet, is-sekwestranti, wara li taw ruhhom b'notifikati bir-rikors tas-27 ta' Mejju 2013, irrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti. Sussegwentement gie verbalizzat hekk:

"Billi l-kawza in sostenn ta' dan il-mandat ma saritx fiz-zmien moghti mill-ligi, tirrevoka *contrario imperio*, id-digriet taghha tad-29 ta' April 2013 li bih kienet laqghet it-talba ghal-hrug ta' dan il-mandat.

"Rikors differit ghad-digriet dwar it-talbiet l-ohra maghmula fl-istess rikors tas-27 ta' Mejju 2013, ghal 11 ta' Gunju 2013 ...."

**9.** Fil-11 ta' Gunju nghata l-provvediment mertu tal-appell odjern.

**10.** Fl-istess data giet ipprezentata l-kawza fl-ismijiet **Erremme Business Advizors Litd [C-30153] v. All Seasons Holiday Ltd [C-37825]** li permezz taghha s-socjeta` sekwestranti, allura attrici, talbet li l-Qorti tordna hlas tal-imsemmi kreditu, minghand is-socjeta` sekwestrata, allura konvenuta, kif ukoll minghand is-sekwestretarji l-ohra bhala diretturi tal-istess socjeta` [nonostante li dawn tal-ahhar ma jikkonfigurawx fl-okkju tal-kawza.]

**<u>Il-Provvediment</u>**

**11.** Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti osservat li kien minnu li l-kawza ma saritx fi zmien stipulat mil-ligi u nfatti dan il-mandat gie revokat fil-konfront tas-sekwestrati fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, u kompliet hekk:

"Jidher pero' li din il-kawza ma gietx intavolata ghax fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2013, wara li l-partijiet pparagunaw il-kontijiet rispettivi, kien hemm il-hsieb li jiltaqghu sabiex jippruvaw isibu soluzzjoni bonarja. Infatti s-smiegh tar-rikors tas-sekwestrati tas-6 ta' Mejju 2013 kien dakinhar gie differit 'ghal informazzjoni ulterjuri'. Ghalhekk ic-cirkostanza kontemplata fil-paragrafu [a] tas-subinciz [8] ta' dan l-artikolu ma japplikax."

**12.** Dik il-Qorti kompliet billi ghamlet zewg osservazzjonijiet ulterjuri:

"Minn naha l-ohra, is-socjeta' sekwestanta ma tat ebda spjegazzjoni ghaliex ma kkonceditx ta' l-inqas zmien ta' hmistax-il gurnata minn meta interpellat lis-sekwestrati ghall-hlas b' att gudizzjarju, kif imsemmi fil-paragrafu [b]. Infatti l-ittra ufficjali relattiva giet ippresentata biss kontestwalment mar-rikors ghall-hrug ta' dan il-Mandat. Terga', ghalkemm intwera *prima facie* li jista' ghad ikun dovut xi bilanc mis-socjeta' sekwestrata, ma giet gustifikata bl-ebda mod it-talba ghall-hrug ta' dan il-Mandat kontra s-sekwestrati l-ohra personalment ukoll. Infatti din il-Qorti rrevokat minnufih l-istess mandat fil-konfront taghhom fl-ewwel appuntament ghas-smiegh tar-rikors tas-sekwestrati b'digriet tal-15 ta' Mejju 2013."

## L-Appelli

**13.** L-appell tas-sekwestranti hu bazat fuq erba' aggravji: [1] li meta talbu l-hrug tal-mandat huma kienu in bona fede, u ma kien hemm ebda abbuz tal-proceduri gudizzjarji da parti taghhom; [2] li ma kien hemm ebda qerq jew agir fieragh min-naha taghhom; [3] li l-interpellazzjoni kontemplata fil-paragrafu [b] subinciz 8 tal-artikolu precitat ma hemmx bzonn la li ssir bil-miktub u lanqas issir fil-qrati; [4] li ma kien hemm ebda frivolozita` jew vessatorjeta` fil-talba taghhom ghall-hrug tal-mandat.

**14.** Ghalhekk talbet li din il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-ewwel Qorti fl-intier tieghu, jew fin-nuqqas tirrevoka l-ordni ghall-hlas tal-penali, bl-ispejjez.

**15.** Min-naha taghhom s-sekwestrati, ghar-ragunijiet indikati minnhom fir-risposta taghhom, talbu li din il-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez, kif ukoll li tapplika fil-konfront tas-socjeta` sekwestranti l-provvediment tal-Artikolu 223[4] tal-Kap.12. Permezz tal-istess risposta huma ressqu appell incidentali.

**16.** L-appell incidentali tas-sekwestrati hu fis-sens li l-Qorti kellha tikkundanna lis-socjeta` sekwestranti ghall-hlas tal-penali anke favur is-socjeta` sekwestrata *All Seasons Holidays Limited*. Ghalhekk talbu l-varjazzjoni tad-digriet *de quo* fis-sens li s-socjeta` sekwestranti tigi kkundannata thallas penali wkoll lis-socjeta` sekwestrata ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi [a],[b], [c] u [d] tal-artikolu precitat, bl-ispejjez.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

**17.** Fl-ewwel lok, huma opportuni zewg osservazzjonijiet li jikkoncernaw iz-zewg appelli prezentati:

[1] illi l-provi fir-rigward huma skarsi u jikkonsistu biss fl-atti prezentati, inkluza kopja tar-rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta` sekwestranti, u dak li gie verbalizzat quddiem l-ewwel Qorti dwar x'sar quddiemha; u

[2] bhala regola, f'materja ta' provi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha, sakemm ma jkunx jirrizulta zball manifest li jwassal sabiex parti ssofri ngustizzja.

**L-Appell Principali**

**18.** In sostanza l-aggravji tas-socjeta` sekwestranti huma fis-sens li, meta talbet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, hija kienet qed tagixxi biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha fil-ligi billi tikkawtela l-kreditu pretiz minnha minghand is-sekwestrati, u dan, minhabba biza' reali li l-assi tas-sekwestrati jigu sparpaljata bi pregudizzju tal-kreditu taghhom. Ghalhekk tichad li l-agir taghha kien frivolu u vessatorju, tant li anke l-ewwel Qorti fid-digriet taghha gharfet li kienet tezisti pretenzjoni fuq bazi *prima facie*.

**19.** Inoltre, ghal dak li jirrigwarda l-paragrafu [b] tal-Artikolu 836[8], is-socjeta` sekwestranti tghid:

"... ... kienu saru diversi interpellazzjonijiet bil-fomm, u l-ittra ufficjali kienet wahda ta' *last resort*, illi meta saret din l-ittra kien hemm biza' reali li jigi sparpaljat il-patrimonju … …. Dwar id-diversi interpellazzjonijiet u talbiet ghall-hlas – email, ittri, prospetti u reminders, laqghat – intwerew li saru u fil-fatt kien hemm ammont kbir ta' dokumentazzjoni bejn il-partijiet li ntweriet lill-ewwel Qorti[1]. Ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma kellha tippenalizza lill-appellanti talli naqset li tinterpella lill-appellati jew talli ma tatx ghall-inqas hmistax-il gurnata mill-ittra ufficjali…."

**20.** Din il-Qorti tosserva li l-Artikolu 836 [8] jaghti diskrezzjoni lil Qorti li, fil-kaz ta' hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, tista' timponi penali jekk tirrizulta xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fil-paragrafu [a] sal-paragrafu [d]. Il-paragrafu [b] jaqra hekk:

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

"... jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab[2] lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat"

**21.** Ghalhekk skont din id-dispozizzjoni ta' ligi, hemm lok ghall-impozizzjoni tal-penali meta s-sekwestrant ma jipprovax li l-mandat kawtelatorju kellu jinhareg, jew jekk fi zmien hmistax (15)-il jum qabel il-hrug tieghu huwa ma jkunx b'xi mod talab lid-debitur ihallas id-dejn dovut; izda dan ma japplikax fil-kaz ta' urgenza.

**22.** Fil-mertu, din il-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta car li r-relazzjoni guridika li kienet tezisti kienet bejn is-socjeta` sekwestranti u s-socjeta` sekwestrata, u ma hemm xejn fl-atti li jindika li l-ewwel socjeta` kellha rapport guridiku mas-sekwestrati personalment ukoll. Dan jirrizulta car mill-fatt li s-servizzi kienu qed jinghataw lis-socjeta` sekwestrata *All Seasons Holidays Limited* kif jirrizulta anke mill-prospett anness mal-ittra ufficjali, intestata mis-socjeta` sekwestranti *"Statement of Account – All Seasons Holidays Ltd."*. Inoltre, ir-rikors guramentat, li kopja tieghu giet annessa mar-risposta tas-sekwestrati appellati, gie prezentat kontra l-imsemmija socjeta` biss, kif jirrizulta mill-okkju tal-kawza.

**23.** In-nuqqas ta' rapport guridiku bejn is-socjeta` sekwestranti u s-sekwestrati personalment, wasslet lill-ewwel Qorti sabiex fl-ewwel udjenza tas-smigh tar-rikors irrevokat minnufih il-mandat fil-konfront tas-sekwestrati personalment, u din il-Qorti ma tarax li, fir-rigward, l-ewwel Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha b'mod zbaljat meta imponiet penali kontra s-socjeta` sekwestranti ghal kull

[2] Sottolinear tal-Qorti

wiehed u wahda mis-sekwestrati personalment, u cioe` lil Dr. Renzo Pace Asciak, Charmaine Vella u Maryrose Vella.

**24.** Ghaldaqstant l-aggravju huwa nfondat.

**L-Appell Incidentali**

**25.** L-aggravju tas-sekwestrati huwa fis-sens li l-ewwel Qorti kellha tikkundanna wkoll lis-socjeta` sekwestranti thallas penali lis-socjeta` sekwestrata *All Seasons Holidays Limited* billi:

"... … huwa car li l-kawza kontra taghha ma saritx fit-terminu statutorju, u huwa car ukoll li ma kienet tezisti ebda raguni ta' urgenza li kellha twassal lis-socjeta' appellanti biex titlob il-hrug tal-mandat kawtelatorju kontra taghha qabel ma talbitha thallas id-dejn. ... ... ... u fl-atti m hemm u ma' ngabet ebda prova li qabel dan l-att gudizzjarju s-socjeta' appellanti kienet b'xi mod talbet lis-socjeta' appellata *All Seasons Holidays Limited* li thallas id-dejn ... … wisq aktar meta kienet taf li ma kienx hemm qbil mal-konteggi taghha, u li n-nuqqas ta' qbil kien wiehed sostanzjali;"

**26.** Fl-appell incidentali s-sekwestrati qed jitolbu li s-socjeta` sekwestranti tigi kkundannata thallas penali *"ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi [a][b][c] u [d]"* tal-Artikolu 836[8].

**27.** Illi l-aggravji huma bazati fuq il-paragrafi [a], [b], [c] u [d] tal-Artikolu precitat.

*Paragrafu [a]*[3]

**28.** Skont dan il-paragrafu, hemm raguni ghall-impozizzjoni tal-penali kemm-il darba l-hrug tal-mandat ma jkunx gie segwit b'kawza fiz-zmien preskritt mil-ligi, minghajr raguni valida. Fil-kaz in dizamina, huwa pacifiku

[3] Illi ghalkemm f'dan ir-rigward is-sekwestrati fir-risposta taghhom u fl-appell incidentali ghamlu referenza ghall-kawza App. **Joseph Rapa v. Raymond Sammut** deciza 13 Mejju 2001 din hija inapplikabbli llum wara l-emendi li saru permezz tal-Att XIV/2006, li permezz tieghu giet inserita fil-paragrafu [a] il-frazi "minghajr raguni valida."

li ma saret ebda kawza fiz-zmien statutorju, tant li fis-27 ta' Mejju 2013 is-sekwestrati pprezentaw ir-rikors li permezz tieghu talbu r-revoka tal-mandat, u l-impozizzjoni tal-penali.

**29.** Kif jirrizulta mill-provvediment appellat, fl-ewwel udjenza tas-smigh tar-rikors mizmuma fil-15 ta' Gunju 2013 il-partijiet kienu wrew li *"kien hemm il-hsieb sabiex jipprovaw isibu soluzzjoni bonarja, infatti s-smiegh tar-rikors tas-sekwestrati tas-6 ta' Mejju 2013 dak in-nhar gie differit 'ghal informazzjoni ulterjuri."* Din, fil-fehema tal-ewwel Qorti, kondiviza minn din il-Qorti, kienet raguni valida bizzejjed biex irrendiet inapplikabbli l-paragrafu [a], Ghax huwa kontro-sens li filwaqt li l-Qorti taghti spazju lill-partijiet li jkunu wrew ix-xewqa li jaslu ghall-ftehim bonarju fl-istess waqt tippenalizza lis-sekwestranti ghax ma pprocedietx bil-kawza waqt li kienu pendenti t-trattattivi.

**30.** Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat

*Paragrafu [b]*

**31.** Fir-rigward, is-sekwestrati jghidu li ma kienet tezisti ebda raguni ta' urgenza li kellha twassal lis-socjeta` sekwestranti biex titlob il-hrug tal-mandat kawtelatorju kontra taghha qabel ma talbitha thallas id-dejn. Inoltre, fl-atti m'hemm u ma ngabet ebda prova li qabel il-mandat is-socjeta` sekwestranti kienet "b'xi mod" talbet lis-socjeta` sekwestrata thallas id-dejn. Rizultat ta' dan, is-sekwestrati hassewhom "mahsuda" bil-mandat *de quo*.

**32.** Din il-Qorti, tosserva, ghalkemm fir-rikors tal-appell taghha s-socjeta` sekwestranti tallega li kienu saru diversi interpellazzjonijiet u talbiet ghal hlas, permezz ta' *emails*, ittri, prospetti u *reminders*, u wkoll li kien hemm ammont kbir ta' dokumentazzjoni bejn il-partijiet li ntwerew lill-ewwel Qorti, mill-atti ma jirrizulta xejn minn dan. Il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni tas-socjeta` sekwestranti mhijiex sostnuta mill-provi, u hija verament stramba kif, nonostante dak l-allegat fatt, ma gie prezentat ebda dokument, lanqas wiehed li juri li qabel il-hrug tal-mandat, kienet saret b'xi mod talba ghall-hlas.

**33.** Min-naha taghha fil-provvediment taghha l-ewwel Qorti osservat li s-socjeta` sekwestranti ma tat ebda spjegazzjoni ghaliex ma kkoncedietx it-terminu ta' hmistax (15)-il preskritt mil-ligi mid-data tal-interpellazzjoni b'att gudizzjarju.

**34.** Fir-rigward tal-mod ta' talba ghal hlas kontemplat fl-imsemmi paragrafu, din il-Qorti tosserva li ligi ma tezigix li l-interpellazzjoni trid tkun bil-fors b'att gudizzjarju, izda tikkontempla mod wieghsa hafna ta' interpellazzjoni, meta fl-istess paragrafu tghid li t-talba ghal hlas tista' ssir b'kull mod. Ghalhekk din l-interpellazzjoni mhux necessarjament issir bil-miktub. Kif jinsab ritenut fil-kawza PA [TM] **John Zarb v. Port Cottonera Limited**, deciza fit-18 ta' Settembru 2002:

"Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm l-art. 836 (8)(b) jikontempla hlas ta' penali jekk jigi muri li, qabel it-talba ghal-hrug tal-Mandat, ma tkunx saret interpellazzjoni ghall-hlas, din l-interpellazzjoni mhux necessarjament tkun bil-miktub ("*in any manner*" – ara " ***Debono vs Ohio Developments Ltd***", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1998), u lanqas ma hu mehtieg li l-interpellazzjoni tkun ta' somma determinata, specjalment meta l-kreditu jkun ghad irid jigi likwidat."

**35.** Izda, l-ewwel Qorti fic-cirkostanzi deherilha li m'ghandhiex timponi penali fuq is-socjeta` sekwestranti fil-konfront tas-socjeta` sekwestrata *All Seasons Holidays Limited*, u din il-Qorti, anke tenut kont tal-fatt li din is-socjeta` ghandha bhala diretturi lis-sekwestrati l-ohra li favur ta' kull wiehed u wahda minnhom gie impost il-hlas tal-penali, hi tal-fehma li d-decizjoni appellata hi ezercizzju legittimu tad-diskrezzjoni vestita bil-ligi fl-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

**36.** Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi biss parzjalment milqugh fis-sens li, filwaqt li din il-Qorti tirravviza li tezisti c-cirkostanza kontemplata fil-paragrafu [b] izda qed jigi michud inkwantu ghat-talba ghall-hlas tal-penali.

*Paragrafu [c]*

**37.** Dan il-paragrafu jikkontempla l-kaz fejn ic-cirkostanzi tad-debitur huma tali li ma jaghtux lok ghal xi dubbju ragjonevoli dwar il-likwidita` tieghu u dwar il-kapacita` finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrenti, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew.

**38.** Illi, f'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li l-provi, li l-oneru taghhom kien jinkombi fuq is-sekwestrati, kienu karenti, u l-ilment tas-sekwestrati ghalhekk ma hux gustifikat.

*Paragrafu [d]*

**39.** Il-Qorti tosserva li d-dispozizzjoni kontemplata f'dan il-paragrafu ma kinitx tifforma parti mill-bazi legali tar-rikors prezentat fis-27 ta' Mejju 2013 u li fuqu l-ewwel Qorti tat il-provvediment taghha. Ghalhekk il-vertenza bejn il-partijiet relatata ma' dan il-paragrafu ma jistax jigi trattat issa fl-istadju ta' appell. Ghal din ir-raguni dan l-aggravju qed jigi skartat.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell principali; tilqa' l-appell incidentali limitatament kif fuq indikat, izda tichad it-talba ghall-hlas tal-penali.

L-ispejjez tal-appell principali ghandhom ikunu kollha a karigu tas-socjeta` sekwestranti, filwaqt li dawk relatati mal-appell incidentali ghandhom jigu sopportati, inkwantu ghal zewg terzi [$^{2}/_{3}$] mis-socjeta` sekwestranti u r-rimanenti terz [$^{1}/_{3}$] mis-socjeta` sekwestrata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------